MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Numru. 180/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Alnafouri Mohamad Nour**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 16 ta' Frar, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alnafouri Mohamad Nour, ta' 20 sena iben Roduan Hijazi u Hajati Rababah, imwieled Syria nhar it-23/03/1994, residenti 89, Triq Sir Charles Cameron, Gzira, ID card nr 59715° talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Frar 2015:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-art 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi traskuragni ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Jason Micallef detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 5333801M u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 328 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu milli Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar 17 ta' Marzu 2014 u digriet/I sussegwenti, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli renda ruhu recediv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta' artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali a tenur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu . Oltre' dan l-imputat iddikjara li huwa qieghed jobbliga ruhu li jhallas il-hsara sofferta minn Jason Micallef. Mill-atti jirrizulta li l-imputat ghandu jaghmel tajjeb ghal *rear headlamp*.

Illi tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis li piena karcerarja zgur li mhix wahda idonea izda huwa aktar opportun li l-imputat jitqieghed taht ordni ta' probation u jinghata kull ghajnuna sabiex kemm jista' jkun ma jergax ixellef difru mal-gustizzja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti , wara li rat l-artikoli  l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli  17, 49, 50, 95, 338(ee), 338(dd), 328, 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2)  millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u kif ukoll tikkundannah

ihallas multa ta’ tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800). L-imputat qieghed jinghata zmien tlett (3) snin sabiex ihallas il-multa f’rati mensili b’dan illi jekk jonqos anki li jhallas rata wahda tigi konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza u jekk ma jhallasx il-multa imposta.

Tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------